MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 315/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Tonna)**
**Vs**

**Josephine Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 ta' Lulju, 2008, ghall-habta ta' 08.30 hrs, fi Triq A. Schembri, Kappara
1. saqet il-vettura numru JMH123 b'manjiera perikoluza;
2. saqet l-imsemmija vettura numru JMH123 fl-imsemmija triq kontra l-one way traffic;
3. naqset li tobdi l-ordni legittima moghtija lilha mill-Pulizija fil-qadi ta' dmirijietu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Lulju, 2009, li biha, wara li

rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 u l-legal notice 94/69, ma sabitx lill-appellanti hatja tal-akkuzi w illiberatha minnhom fuq nuqqas ta' provi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-28 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib lill-appellata hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti ikkonsidrat li l-prosekuzzjoni ma kellhiex xhieda xi tressaq u dan ghaliex ma pprezentat l-ebda riferta pozittiva tax-xhieda meta din il-konsiderazzjoni kienet manifestament zbaljata ghaliex a fol.14 tal-process giet esebita riferta pozittiva tal-uniku xhud indispensabbli ghal-prosekuzzjoni w cioe' PS 785. Fil-verbal a fol. 13 l-Ufficjal Prosekutur kien informa lill-Ewwel Qorti li dan ix-xhud ma setghax jattendi ghas-seduta w dan minhabba li kien qieghed fuq xoghol iehor u fl-ebda hin ma ddikjara li kien ser jirrinunzja ghalih. Kien ghalhekk li l-Ewwel Qorti suppost li, skond gurisprudenza maghrufa, ddifferiet il-kawza w ipprocediet kontra x-xhud skond il-ligi u mhux tghaddi ghall-liberazzjoni tal-imputata kif ghamlet.

Semghet it-trattazzjoni dwar dan l-aggravju.

Ikkonsidrat;

Illi din il-kawza fuq ksur tar-regolamenti w l-ligijiet tat-traffiku kaxkret fuq erba udjenzi sakemm giet deciza. Fl-ewwel udjenza tas-6 ta' Novembru, 2008, (Fol. 4), l-imputata appellata ma deheritx u dan minhabba mard wara li pprezentat rikors appozitu. Fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2009, l-appellata regghet ma deheritx minhabba mard skond certifikat (Fol. 8). L-istess fit-30 t' April, 2009 l-appellata regghet ma dehritx u Dr. Cuschieri informa lill-Ewwel Qorti li kienet marida (fol. 10). Fl-ahhar, meta fl-

udjenza tat-2 ta' Lulju, 2009, l-appellata dehret quddiem l-Ewwel Qorti, gie verbalizzat hekk a fol. 13 tal-process:-

*"L-ufficjal prosekutur informa l-Qorti li x-xhud PS785 ma setax jattendi ghas-seduta tal-lum minhabba commitments ohra tat-traffiku.*
*Il-prosekuzzjoni tiddikjara li m' ghandhiex* ***xhieda ohra*** *xi tressaq.*
*Kawza giet deciza."* (emfasi ta' din il-Qorti)

Illi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti mmotivat id-decizjoni taghha b' dan il-mod testwalment:-

*"Rat illi l-prosekuzzjoni ma kellhiex xhieda xi tressaq ghas-Seduta tallum u dan ghaliex ma pprezentat l-ebda riferta pozittiva tax-xhieda.*

*"Rat illi l-proceduri odjerni huma ta' natura sommarja.*

*"Rat l-artikoli……"*

*"Il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-imputat (Sic!) hati (Sic!) tal-akkuzi u tilliberah (Sic!) minnhom, fuq nuqqas ta' provi."*

Ikkonsidrat;

Illi pero', kif korrettement irrileva l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu, proprju a fol. 14 hemm esebita riferta pozittiva tax-xhud PS 785. Dan jidher li sfugga lill-Ewwel Qorti w ghalhekk il-motivazzjoni principali taghha kienet bazata fuq premessa skorretta.

Illi din il-Qorti kellha okkazzjoni li tghaddi in rassenja il-gurisprudenza rilevanti ghall-dan it-tip t'incident fis-sentenza taghha "**Il-Pulizija vs. Clive Debono**" [14.9.2004] fejn saret ukoll riferenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta: "**Il-Pulizija vs. Mario Saliba** [15.10.1982];; "**Il-Pulizija vs. Mario Magri"** [28.5.1993]; "**Il-Pulizija vs. Francis Callus**" [30.9.1993]; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zarb"** [22.10.1993]; "**Il-Pulizija**

**vs. Joseph Abdilla et**." [3.12.1993] u **"l-Pulizija vs. Francis Borg."** [10.12.1993].

Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri"** [5.1.1996], li, ladarba ix-xhud ikun debitament notifikat u **sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih**, *(emfasi ta' din il-Qorti)* il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu , imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441 (4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap.9, . (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**" [25.7.1994] u ohrajn ).

Hu minnu wkoll li l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe' il-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap.9, l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Pierre Schembri"** [8.1.1996] u ohrajn.)

L-appellata ghamlet referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Clive Farrugia" [31.7.09],** pero' il-fattispecji kienu alkwantu differenti ghax f'dak il-kaz ma gietx esebita riferta pozittiva tax-xhud, u id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni f'dik il-kawza ma kienitx fit-termini fuq citati izda : *"fic-cirkostanzi il-prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghandix aktar provi"* li ghandha sinifikat differenti. F'kull kaz ir-rinunzja ghax-xhud trid tkun wahda cara w univoka.

Illi f'dan il-kaz, mil-verbal tas-seduta in kwistjoni jirrizulta li l-Prosekuzzjoni indikat li kellha xhud ewlieni w li dan ma setax jattendi minnhabba xoghol iehor relatat mat-traffiku w meta gie verbalizzat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li ma kellux aktar provi x' jipproduci, ovvjament kien qed jirriferi ghal xhieda ohra apparti PS 785, li giet esebita riferta pozittiva tieghu.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, tali dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur ma timportax rinunzja da parti tal-prosekuzzjoni ghall-produzzjoni tax-xhud minnha ndikat li baqa' ma deherx

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, l-inqas li setghet taghmel l-Ewwel Qorti – konsidrat il-fatt li fl-ewwel tlitt udjenzi kienet l-appellata li ma dehritx, sia pure ghal raguni valida ta' mard – kien li tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w, okkorrendo, tiehu provvediment kontra x-xhud PS 785 , jekk forsi hasset li dan ma kellux raguni valida biex ma jidhirx quddiem il-Qorti.

Din il-Qorti ghalhekk qed tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali w tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppio esame, qed tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex il-kawza tigi deciza mill-gdid wara li jixhed ix-xhud tal-prosekuzzjoni P.S. 785 u okkorrendo x-xhieda tad-difiza jekk ikun il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------